ID-DEĊIŻJONI Nru 1/2021 TAL-KUMITAT KONĠUNT DWAR IT-TRASPORT BL-AJRU BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-IŻVIZZERA STABBILIT PERMEZZ TAL-FTEHIM BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA DWAR IT-TRASPORT BL-AJRU

tal-15 ta' Lulju 2021

li tissostitwixxi l-Anness tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru [2021/1216]

IL-KUMITAT DWAR IT-TRASPORT BL-AJRU BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-IŻVIZZERA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 23(4) tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

L-Anness ta' din id-Deċiżjoni jissostitwixxi l-Anness tal-Ftehim, mill-1 ta' Awwissu 2021.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Lulju 2021.

Għall-Kumitat Konġunt
Il-Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea
Filip CORNELIS

Il-Kap tad-Delegazzjoni Żvizzera
Christian HEGNER

ANNESS

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim:

— Bis-saħħa tat-Trattat ta' Lisbona, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea għandha tissostitwixxi u tissuċċedi l-Komunità Ewropea;

— Kull fejn l-atti speċifikati f'dan l-Anness fihom referenzi għall-Istati Membri tal-Komunità Ewropea, kif sostitwita bl-Unjoni Ewropea, jew rekwiżit għal rabta ma' din tal-aħħar, ir-referenzi għandhom, għall-fini tal-Ftehim, jinftiehmu li japplikaw b'mod ugwali għall-Iżvizzera jew għar-rekwiżit ta' rabta mal-Iżvizzera;

— Ir-referenzi għar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 2407/92 u Nru 2408/92 li saru fl-Artikoli 4, 15, 18, 27 u 35 tal-Ftehim, għandhom jinftiehmu bħala referenzi għar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15 ta' dan il-Ftehim, it-terminu "trasportatur tal-ajru Komunitarju" li ssir referenza għalih fid-Direttivi u fir-Regolamenti Komunitarji li ġejjin għandu jinkludi trasportatur tal-ajru bil-liċenzja u li jkollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu u, jekk jeżisti, l-uffiċju reġistrat tiegħu fl-Iżvizzera f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008. Kwalunkwe referenza għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2407/92 għandha tinftiehem bħala referenza għar-Regolament (KE) Nru 1008/2008;

— Kwalunkwe referenza fit-testi li ġejjin għall-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat jew għall-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tinftiehem li tfisser l-Artikoli 8 u 9 ta' dan il-Ftehim.

1. **Liberalizzazzjoni tal-avjazzjoni u regoli oħra tal-avjazzjoni ċivili**

Ir-**Regolament (KE) Nru 1008/2008** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi bl-ajru fil-Komunità, (Riformulazzjoni), ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament (UE) 2018/1139, ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1,

— ir-Regolament (UE) 2020/696, ĠU L 165, 27.5.2020, p. 1,

— ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2114, ĠU L 426, 17.12.2020, p. 1; ir-Regolament (UE) 2020/2114 huwa totalment applikabbli fl-Iżvizzera mit-18.12.2020,

— ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2115, ĠU L 426, 17.12.2020, p. 4; ir-Regolament (UE) 2020/2115 huwa totalment applikabbli fl-Iżvizzera mit-18.12.2020.

Id-**Direttiva tal-Kunsill 2000/79** tas-27 ta' Novembru 2000 dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim Ewropew fuq l-Organizzazzjoni tal-Ħinijiet tax-Xogħol ta' Ħaddiema Mobbli fl-Avjazzjoni Ċivili konklużż mill-Assoċjazzjoni tal-Linji tal-Ajru Ewropej (AEA), il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF), l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kabini tal-Piloti (ECA), l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Linji tal-Ajru Reġjonali (ERA) u l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasportazzjoni bl-Ajru (IACA) (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 302, 1.12.2000, p. 57.

Id-**Direttiva 2003/88/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9.

Ir-**Regolament (KE) Nru 437/2003** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2003 dwar il-prospetti tal-istatistika rigward it-trasport tal-passiġġieri, il-merkanzija u l-posta bl-ajru, ĠU L 66, 11.3.2003, p. 1.

Ir-**Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1358/2003** tal-31 ta' Lulju 2003 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 437/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prospetti tal-istatistika rigward it-trasport tal-passiġġieri, il-merkanzija u l-posta bl-ajru u li jemenda l-Annessi I u II tiegħu, ĠU L 194, 1.8.2003, p. 9, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 158/2007, ĠU L 49, 17.2.2007, p. 9.

Ir-**Regolament (KE) Nru 785/2004** tal-Parlament Ewropew u tal-kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-rekwiżiti tal-assigurazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru u l-operaturi tal-ajruplani, ĠU L 138, 30.4.2004, p. 1, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 285/2010, ĠU L 87, 7.4.2010, p. 19,

— ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1118, ĠU L 243, 29.7.2020, p. 1.

Ir-**Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93** tat-18 ta' Jannar 1993 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità, ĠU L 14, 22.1.1993, p. 1, (l-Artikoli 1-12) kif emendat b'dan:

— ir-Regolament (KE) Nru 793/2004, ĠU L 138, 30.4.2004, p. 50,

— ir-Regolament (UE) 2020/459, ĠU L 99, 31.3.2020, p. 1,

— ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1477, ĠU L 338, 15.10.2020, p. 4,

— ir-Regolament (UE) 2021/250, ĠU L 58, 19.2.2021, p. 1; il-paragrafi 1 u 4 tal-Artikolu 10a tar-Regolament (KEE) Nru 95/93, kif emendati mill-paragrafu (6) tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2021/250, huma applikabbli fl-Iżvizzera mill-20.2.2021.

Id-**Direttiva 2009/12/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-imposti tal-ajruporti (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 70, 14.3.2009, p. 11.

Id-**Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE** tal-15 ta' Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Komunità, ĠU L 272, 25.10.1996, p. 36.

(l-Artikoli 1-9, 11-23, u 25).

Ir-**Regolament (KE) Nru 80/2009** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009 dwar Kodiċi ta' Kondotta għal sistemi ta' riservazzjoni kompjuterizzata u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2299/89 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 35, 4.2.2009, p. 47.

2. **Regoli tal-kompetizzjoni**

Ir-**Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003** tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1, (l-Artikoli 1-13, 15-45)

(Sal-estent fejn dan ir-Regolament huwa rilevanti għall-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. L-inserzjoni ta' dan ir-Regolament ma taffettwax it-tqassim tal-kompiti skont dan il-Ftehim.)

Ir-**Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2004** tas-7 ta' April 2004 dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 81 sa 82 tat-Trattat tal-KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 123, 27.4.2004, p. 18, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1792/2006, ĠU L 362, 20.12.2006, p. 1,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 622/2008, ĠU L 171, 1.7.2008, p. 3.

Ir-**Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004** tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

(l-Artikoli 1-18, 19(1)-(2), u 20-23)

Fir-rigward tal-Artikolu 4(5) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, bejn il-Komunità Ewropea u l-Iżvizzera għandu japplika dan li ġej:

(1) Fir-rigward ta' konċentrazzjoni kif definita fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 li ma għandhiex dimensjoni Komunitarja skont it-tifsira tal-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament u li tista' tiġi rieżaminata skont il-liġijiet tal-kompetizzjoni nazzjonali ta' minn tal-inqas tliet Stati Membri tal-KE u l-Konfederazzjoni Żvizzera, il-persuni jew l-impriżi msemmija fl-Artikolu 4(2) ta' dak ir-Regolament jistgħu, qabel kwalunkwe notifika lill-awtoritajiet kompetenti, jinformaw lill-Kummissjoni tal-KE permezz ta' sottomissjoni motivata li l-konċentrazzjoni jenħtieġ li tiġi eżaminata mill-Kummissjoni.

(2) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tittrażmetti s-sottomissjonijiet kollha skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 u l-paragrafu preċedenti lill-Konfederazzjoni Żvizzera mingħajr dewmien.

(3) Fejn il-Konfederazzjoni Żvizzera tkun esprimiet li ma taqbilx mat-talba biex tirreferi l-każ, l-awtorità kompetenti tal-kompetizzjoni Żvizzera għandha żżomm il-kompetenza tagħha, u l-każ ma għandux jiġi riferut mill-Konfederazzjoni Żvizzera skont dan il-paragrafu.

Fir-rigward tal-limiti ta' żmien msemmija fl-Artikolu 4(4) u (5), fl-Artikoli 9(2) u (6), u fl-Artikoli 22(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet:

(1) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tittrażmetti d-dokumenti rilevanti kollha lill-awtorità kompetenti tal-kompetizzjoni Żvizzera skont l-Artikolu 4(4) u (5), l-Artikoli 9(2) u (6) u l-Artikolu 22(2) mingħajr dewmien.

(2) Il-kalkolu tal-limiti ta' żmien imsemmija fl-Artikolu 4(4) u (5), fl-Artikolu 9(2) u (6), u fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 għandu jibda, għall-Konfederazzjoni Żvizzera, mal-wasla tad-dokumenti rilevanti mill-awtorità kompetenti tal-kompetizzjoni Żvizzera.

Ir-**Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 802/2004** tal-21 ta' April 2004 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 133, 30.4.2004, p. 1, (l-Artikoli 1-24), kif emendat b'dan:

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1792/2006, ĠU L 362, 20.12.2006, p. 1,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1033/2008, ĠU L 279, 22.10.2008, p. 3,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1269/2013, ĠU L 336, 14.12.2013, p. 1.

Id-**Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE** tas-16 ta' Novembru 2006 dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-intrapriżi pubbliċi kif ukoll dwar it-trasparenza finanzjarja f'ċerti intrapriżi (Verżjoni kkodifikata) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 318, 17.11.2006, p. 17.

Ir-**Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 487/2009** tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' akkordji u prattiċi miftiehma fis-settur tat-trasport bl-ajru (Verżjoni kodifikata) (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 148, 11.6.2009, p. 1.

3. **Sikurezza tal-avjazzjoni**

Ir-**Regolament (UE) 2018/1139** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91, ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.

L-Aġenzija għandha tgawdi s-setgħat mogħtija lilha skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament fl-Iżvizzera wkoll.

Il-Kummissjoni għandha tgawdi s-setgħat mogħtija lilha għad-deċiżjonijiet skont l-Artikolu 2(6) u (7), l-Artikolu 41(6), l-Artikolu 62(5), l-Artikolu 67(2) u (3), l-Artikolu 70(4), l-Artikolu 71(2), l-Artikolu 76(4), l-Artikolu 84(1), l-Artikolu 85(9), l-Artikolu 104(3)(i), l-Artikolu 105(1) u l-Artikolu 106(1) u (6) fl-Iżvizzera wkoll.

Minkejja l-adattament orizzontali previst fit-tieni inċiż tal-Anness tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru, ir-referenzi għall-"Istati Membri" li saru fid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 u msemmija fl-Artikolu 127 tar-Regolament (UE) 2018/1139 ma għandhomx jinftiehmu li japplikaw għall-Iżvizzera.

Xejn f'dan ir-Regolament ma għandu jitqies bħala trasferiment lill-awtorità EASA biex taġixxi f'isem l-Iżvizzera fil-qafas ta' ftehimiet internazzjonali għal finijiet oħra għajr li tassisti fil-qadi tal-obbligi tagħha skont tali ftehimiet.

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, it-test tar-Regolament għandu jinqara bl-adattamenti li ġejjin:

(a) L-Artikolu 68 huwa emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu 1(a), il-kliem "jew l-Iżvizzera" għandhom jiddaħħlu wara l-kliem "l-Unjoni";

(ii) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. Kull meta l-Unjoni tinnegozja ma'pajjiż terz sabiex tikkonkludi ftehim diment li Stat Membru jew l-Aġenzija jistgħu joħorġu ċ-ċertifikati abbażi ta' ċertifikati maħruġa mill-awtoritajiet ajrunawtiċi ta' dak il-pajjiż terz, għandha tagħmel ħilitha biex tikseb għall-Iżvizzera offerta ta' ftehim simili mal-pajjiż terz inkwistjoni. L-Iżvizzera għandha, min-naħa tagħha, tagħmel ħilitha biex tikkonkludi ftehimiet ma' pajjiżi terzi li jikkorrispondu għal dawk ta' mal-Unjoni".

(b) Fl-Artikolu 95 għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. B'deroga mill-Artikolu 12(2)(a) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, iċ-ċittadini Żvizzeri li jgawdu mid-drittijiet kollha tagħhom bħala ċittadini jistgħu jiġu impjegati b'kuntratt mid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija."

(c) Fl-Artikolu 96 jiżdied il-paragrafu li ġej:

"L-Iżvizzera għandha tapplika għall-Aġenzija l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, li huwa stabbilit bħala l-Anness A ta' dan l-Anness, f'konformità mal-Appendiċi tal-Anness A."

(d) Fl-Artikolu 102 jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. L-Iżvizzera għandha tipparteċipa għalkollox fil-Bord Amministrattiv u fih għandu jkollha l-istess drittijiet u obbligi bħall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, għajr id-dritt li tivvota".

(e) Fl-Artikolu 120 għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"13. L-Iżvizzera għandha tipparteċipa fil-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1(b), skont il-formula li ġejja:

S (0,2/100) + S [1 - (a+b) 0,2/100] c/C

fejn:

S = = il-parti tal-baġit tal-Aġenzija mhux koperta mit-tariffi u mill-imposti msemmija fil-paragrafu 1(c) u (d)

a = = l-għadd ta' Stati Assoċjati

b = = l-għadd ta' Stati Membri tal-UE

c = = il-kontribuzzjoni tal-Iżvizzera għall-baġit tal-ICAO,

C = = il-kontribuzzjoni totali tal-Istati Membri tal-UE u tal-Istati Assoċjati għall-baġit tal-ICAO."

(f) Fl-Artikolu 122 jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. Id-dispożizzjonijiet marbuta mal-kontroll finanzjarju mill-Unjoni fl-Iżvizzera li jikkonċernaw il-parteċipanti fl-attivitajiet tal-Aġenzija huma stabbiliti fl-Anness B ta' dan l-Anness."

(g) L-Anness I tar-Regolament għandu jiġi estiż biex jinkludi l-inġenji tal-ajru li ġejjin bħala prodotti koperti mill-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 tat-3 ta' Awwissu 2012 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom ([1]):

A/c - [HB-JES] – it-tip Gulfstream G-V

A/c - [HB-ZDF] – it-tip MD900.

(h) Fl-Artikolu 132(1), ir-referenza għar-Regolament (UE) 2016/679 għandha tinftiehem, fir-rigward tal-Iżvizzera, bħala referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti.

(i) L-Artikolu 140(6) ma japplikax għall-Iżvizzera.

Ir-**Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011** tat-3 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 311, 25.11.2011, p. 1, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 290/2012, ĠU L 100, 5.4.2012, p. 1,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 70/2014, ĠU L 23, 28.1.2014, p. 25,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 245/2014, ĠU L 74, 14.3.2014, p. 33,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/445, ĠU L 74, 18.3.2015, p. 1,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/539, ĠU L 91, 7.4.2016, p. 1,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1065, ĠU L 192, 30.7.2018, p. 21,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1119, ĠU L 204, 13.8.2018, p. 13,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1974, ĠU L 326, 20.12.2018, p. 1,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/27, ĠU L 8, 10.1.2019, p. 1,

([1]) ĠU L 224, 21.8.2012, p. 1.

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/430, ĠU L 75, 19.3.2019, p. 66,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1747, ĠU L 268, 22.10.2019, p. 23,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/359, ĠU L 67, 5.3.2020, p. 82,

— ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/723, ĠU L 170, 2.6.2020, p. 1,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2193, ĠU L 434, 23.12.2020, p. 13.

Ir-**Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/723** tal-4 ta' Marzu 2020 li jistabbilixxi regoli dettaljati fir-rigward tal-aċċettazzjoni ta' ċertifikazzjoni ta' bdoti ta' pajjiżi terzi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1178/2011, ĠU L 170, 2.6.2020, p. 1.

Ir-**Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91** tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili, ĠU L 373, 31.12.1991, p. 4, (l-Artikoli 1-3, 4(2), (5-11, u 13), kif emendat b'dan:

— ir-Regolament (KE) Nru 1899/2006, ĠU L 377, 27.12.2006, p. 1,

— ir-Regolament (KE) Nru 1900/2006, ĠU L 377, 27.12.2006, p. 176,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 8/2008, ĠU L 10, 12.1.2008, p. 1,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 859/2008, ĠU L 254, 20.9.2008, p. 1.

F'konformità mal-Artikolu 139 tar-Regolament (UE) 2018/1139, ir-Regolament (KEE) Nru 3922/91 jitħassar mid-data ta' applikazzjoni tar-regoli dettaljati adottati skont il-punt (a) tal-Artikolu 32(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139 dwar il-limitazzjonijiet tal-ħin tat-titjiriet u tal-ħin tas-servizz u r-rekwiżiti tal-mistrieħ fir-rigward tat-taxi tal-ajru, is-servizzi mediċi ta' emerġenza u l-operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru bi bdot wieħed bl-ajruplani.

Ir-**Regolament (UE) Nru 996/2010** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar id-Direttiva 94/56/KE (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 295, 12.11.2010, p. 35, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament (UE) Nru 376/2014, ĠU L 122, 24.4.2014, p. 18,

— ir-Regolament (UE) 2018/1139, ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.

Ir-**Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 104/2004** tat-22 ta' Jannar 2004 li jniżżel ir-regoli dwar l-organizzazzjoni u l-kompożizzjoni tal-Bord tal-Appell tal-Aġenzija tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ewropea, ĠU L 16, 23.1.2004, p. 20.

Ir-**Regolament (KE) Nru 2111/2005** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista komunitarja ta' kumpanniji tal-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpanija tal-ajru li topera, u li jħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament (UE) 2018/1139, ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.

Ir-**Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 473/2006** tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għal-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità kif jissemma fil-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 84, 23.3.2006, p. 8.

Ir-**Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006** tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 84, 23.3.2006, p. 14, kif emendat l-aħħar b'dan:

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1992, ĠU L 410, 7.12.2020, p. 49.

Ir-**Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1332/2011** tas-16 ta' Diċembru 2011 li jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni dwar l-użu tal-ispazju tal-ajru u l-proċeduri operattivi għall-evitar ta' kolliżjonijiet fl-ajru (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 336, 20.12.2011, p. 20, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/583, ĠU L 101, 16.4.2016, p. 7.

Ir-**Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 646/2012** tas-16 ta' Lulju 2012 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar multi u ħlasijiet penali perjodiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 187, 17.7.2012, p. 29.

Ir-**Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012** tat-3 ta' Awwissu 2012 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-airworthiness u ambjentali ta' inġenji tal-ajru u ta' prodotti, partijiet u tagħmir relatati, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni, ĠU L 224, 21.8.2012, p. 1, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 7/2013, ĠU L 4, 9.1.2013, p. 36,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 69/2014, ĠU L 23, 28.1.2014, p. 12,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1039, ĠU L 167, 1.7.2015, p. 1,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/5, ĠU L 3, 6.1.2016, p. 3,

— ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/897, ĠU L 144, 3.6.2019, p. 1,

— ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/570, ĠU L 132, 27.4.2020, p. 1.

Ir-**Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012** tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 800/2013, ĠU L 227, 24.8.2013, p. 1,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 71/2014, ĠU L 23, 28.1.2014, p. 27,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 83/2014, ĠU L 28, 31.1.2014, p. 17,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 379/2014, ĠU L 123, 24.4.2014, p. 1,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/140, ĠU L 24, 30.1.2015, p. 5,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1329, ĠU L 206, 1.8.2015, p. 21,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/640, ĠU L 106, 24.4.2015, p. 18,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/2338, ĠU L 330, 16.12.2015, p. 1,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1199, ĠU L 198, 23.7.2016, p. 13,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/363, ĠU L 55, 2.3.2017, p. 1,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/394, ĠU L 71, 14.3.2018, p. 1,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1042, ĠU L 188, 25.7.2018, p. 3 bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 4.2 il-ġdid tar-Regolament (UE) Nru 965/2012, kif previst fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) 2018/1042, kif emendat b'dan:

  — ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/745, ĠU L 176, 5.6.2020, p. 11,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1975, ĠU L 326, 20.12.2018, p. 53,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1387, ĠU L 229, 5.9.2019, p. 1, kif emendat b'dan:

  — ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1176, ĠU L 259, 10.8.2020, p. 10,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1384, ĠU L 228, 4.9.2019, p. 106,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2036, ĠU L 416, 11.12.2020, p. 24; il-paragrafi 4 sa 6 tal-Anness tar-Regolament (UE) 2020/2036 huma applikabbli fl-Iżvizzera mill-31.12.2020.

Ir-**Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 628/2013** tat-28 ta' Ġunju 2013 dwar metodi ta' operat tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għat-twettiq ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni u għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tar-regoli fir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 736/2006 (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 179, 29.6.2013, p. 46.

Ir-**Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2014** tat-12 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi rekwiżiti u proċeduri amministrattivi b'rabta mal-ajrudromi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 44, 14.2.2014, p. 1, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/161, ĠU L 27, 1.2.2017, p. 99,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/401, ĠU L 72, 15.3.2018, p. 17,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/469, ĠU L 104, 3.4.2020, p. 1, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1177, ĠU L 259, 10.8.2020, p. 12,

— ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1234, ĠU L 282, 31.8.2020, p. 1,

— ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2148, ĠU L 428, 18.12.2020, p. 10.

Ir-**Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2153** tas-16 ta' Diċembru 2019 dwar it-tariffi u l-imposti applikati mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 319/2014, ĠU L 327, 17.12.2019, p. 36.

Ir-**Regolament (UE) Nru 376/2014** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar ir-rappurtar, l-analiżi u s-segwitu ta' okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1321/2007 u (KE) Nru 1330/2007 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 122, 24.4.2014, p. 18, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament (UE) 2018/1139, ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.

Ir-**Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 452/2014** tad-29 ta' April 2014 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru ta' pajjiżi terzi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 133, 6.5.2014, p. 12, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1158, ĠU L 192, 16.7.2016, p. 21.

Ir-**Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014** tas-26 ta' Novembru 2014 dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiċi, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 362, 17.12.2014, p. 1, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1088, ĠU L 176, 7.7.2015, p. 4,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1536, ĠU L 241, 17.9.2015, p. 16,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/334, ĠU L 50, 28.2.2017, p. 13,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1142, ĠU L 207, 16.8.2018, p. 2,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1383, ĠU L 228, 4.9.2019, p. 1,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1384, ĠU L 228, 4.9.2019, p. 106,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/270, ĠU L 56, 27.2.2020, p. 20,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1159, ĠU L 257, 6.8.2020, p. 14.

Ir-**Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/340** tal-20 ta' Frar 2015 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati maċ-ċertifikati u l-liċenzji tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 805/2011 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 63, 6.3.2015, p. 1.

Ir-**Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/640** tat-23 ta' April 2015 dwar l-ispeċifikazzjonijiet addizzjonali tal-ajrunavigabbiltà għal tip partikolari ta' operazzjonijiet u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 965/2012, ĠU L 106, 24.4.2015, p. 18, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/133, ĠU L 25, 29.1.2019, p. 14,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1159, ĠU L 257, 6.8.2020, p. 14,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/97, ĠU L 31, 29.1.2021, p. 208; l-artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2021/97 huwa applikabbli fl-Iżvizzera mis-26.02.2021, ħlief għall-punt (1) tal-Anness I, li huwa applikabbli fl-Iżvizzera mis-16.02.2021.

Ir-**Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1018** tad-29 ta' Ġunju 2015 li jistabbilixxi lista ta' klassifikazzjoni tal-okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili li għandhom jiġu rapportati b'mod mandatorju skont ir-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 163, 30.6.2015, p. 1.

Id-**Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2357** tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar in-nuqqas ta' konformità effettiva mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mar-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċertifikati maħruġin mill-akkademja Ellenika tat-taħriġ fil-qasam tal-avjazzjoni msejħa "Hellenic Aviation Training Academy" (HATA) u ma' liċenzji tal-Parti-66 maħruġin abbażi ta' dawn iċ-ċertifikati (notifikata bid-dokument C(2016) 8645), ĠU L 348, 21.12.2016, p. 72.

Ir-**Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395** tat-13 ta' Marzu 2018 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-operat tal-blalen tal-arja skont ir-Regolament (UE) Nru 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 71, 14.3.2018, p. 10, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/357, ĠU L 67, 5.3.2020, p. 34.

Ir-**Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976** tal-14 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-operat ta' gliders kif ukoll il-ħruġ ta' liċenzji għal ekwipaġġ tat-titjira għall-gliders skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 326, 20.12.2018, p. 64, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/358, ĠU L 67, 5.3.2020, p. 57.

Ir-**Regolament (UE) 2019/494** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2019 dwar ċerti aspetti tas-sikurezza tal-avjazzjoni fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 85 I, 27.3.2019, p. 11.

Id-**Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1128** tal-1 ta' Lulju 2019 dwar id-drittijiet ta' aċċess għar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza u għat-tweġibiet maħżuna fir-Repożitorju Ċentrali Ewropew u li tħassar id-Deċiżjoni 2012/780/UE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 177, 2.7.2019, p. 112.

4. **Sigurtà tal-Avjazzjoni**

Ir-**Regolament (KE) Nru 300/2008** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72.

Ir-**Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 272/2009** tat-2 ta' April 2009 li jissupplimenta l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 91, 3.4.2009, p. 7, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 297/2010, ĠU L 90, 10.4.2010, p. 1,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 720/2011, ĠU L 193, 23.7.2011, p. 19,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1141/2011, ĠU L 293, 11.11.2011, p. 22,

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 245/2013, ĠU L 77, 20.3.2013, p. 5.

Ir-**Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1254/2009** tat-18 ta' Diċembru 2009 li jistabbilixxi l-kriterji li jippermettu lill-Istati Membri jidderogaw mill-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u jadottaw miżuri alternattivi tas-sigurtà (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 338, 19.12.2009, p. 17, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2096, ĠU L 326, 1.12.2016, p. 7.

Ir-**Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 18/2010** tat-8 ta' Jannar 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam ma' speċifikazzjonijiet għall-programmi nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili, ĠU L 7, 12.1.2010, p. 3.

Ir-**Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 72/2010** tas-26 ta' Jannar 2010 li jistabbilixxi proċeduri biex jitwettqu spezzjonijiet mill-Kummissjoni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 23, 27.1.2010, p. 1, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/472, ĠU L 85, 1.4.2016, p. 28.

Ir-**Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998** tal-5 ta' Novembru 2015 li jistipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 299, 14.11.2015, p. 1, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2426, ĠU L 334, 22.12.2015, p. 5,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/815, ĠU L 122, 13.5.2017, p. 1,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/55, ĠU L 10, 13.1.2018, p. 5,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/103, ĠU L 21, 24.1.2019, p. 13, kif emendat b'dan:

  — ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/910, ĠU L 208, 1.7.2020, p. 43,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/413, ĠU L 73, 15.3.2019, p. 98,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1583, ĠU L 246, 26.9.2019, p. 15, kif emendata b'dan:

  — ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/910, ĠU L 208, 1.7.2020, p. 43.

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/111, ĠU L 21, 27.1.2020, p. 1,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/910, ĠU L 208, 1.7.2020, p. 43,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/255, ĠU L 58, 19.2.2021, p. 23; il-punti 15, 18 sa 19 u 32 tal-Anness tar-Regolament (UE) 2021/255 huma applikabbli fl-Iżvizzera mill-11.3.2021.

Id-**Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 8005** tas-16 ta' Novembru 2015 li tistipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni li fihom it-tagħrif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 (mhux ippubblikata fil-ĠU), kif emendata b'dan:

— id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2017) 3030,

— id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2018) 4857,

— id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2019) 132, kif emendata b'dan:

  — id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2020) 4241,

— id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2021) 0996.

5. **Ġestjoni tat-traffiku tal-ajru**

Ir-**Regolament (KE) Nru 549/2004** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament Qafas) (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament (KE) Nru 1070/2009, ĠU L 300, 14.11.2009, p. 34.

Fl-Iżvizzera, il-Kummissjoni għandha tgawdi s-setgħat mogħtija lilha skont l-Artikoli 6, 8, 10, 11 u 12.

L-Artikolu 10 għandu jiġi emendat kif ġej:

Fil-paragrafu 2, il-kliem "fil-livell Komunitarju" jenħtieġ li jiġi sostitwit bil-kliem "fil-livell Komunitarju, bl-involviment tal-Iżvizzera".

Minkejja l-aġġustament orizzontali msemmi fit-tieni inċiż tal-Anness tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru, ir-referenzi għall-"Istati Membri" li saru fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 jew fid-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 1999/468/KE u msemmija f'dik id-dispożizzjoni ma għandhomx jinftiehmu li japplikaw għall-Iżvizzera.

Ir-**Regolament (KE) Nru 550/2004** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament tal-Forniment ta' Servizz) (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 96, 31.3.2004, p. 10, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament (KE) Nru 1070/2009, ĠU L 300, 14.11.2009, p. 34.

B'rabta mal-Iżvizzera, il-Kummissjoni għandha tgawdi s-setgħat mogħtija lilha skont l-Artikoli 9a, 9b, 15, 15a, 16 u 17.

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jiġu emendati kif ġej:

(a) L-Artikolu 3 għandu jiġi emendat kif ġej:

  Fil-paragrafu 2, il-kliem "u l-Iżvizzera" għandhom jiddaħħlu wara l-kliem "il-Komunità".

(b) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

  Fil-paragrafu 1 u fil-paragrafu 6, il-kliem "u l-Iżvizzera" għandhom jiddaħħlu wara l-kliem "il-Komunità".

(c) L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

  Fil-paragrafu 1, il-kliem "u l-Iżvizzera" għandhom jiddaħħlu wara l-kliem "il-Komunità".

(d) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

Fil-paragrafu 1, il-kliem "u l-Iżvizzera" għandhom jiddaħħlu wara l-kliem "il-Komunità".

(e) L-Artikolu 16(3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri u għandha tinforma lill-fornitur tas-servizz dwarha, sa fejn jikkonċernah legalment."

Ir-**Regolament (KE) Nru 551/2004** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-arja fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-ispazju tal-arja) (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 96, 31.3.2004, p. 20, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament (KE) Nru 1070/2009, ĠU L 300, 14.11.2009, p. 34.

Fl-Iżvizzera, il-Kummissjoni għandha tgawdi s-setgħat mogħtija lilha skont l-Artikoli 3a, 6 u 10.

Ir-**Regolament (KE) Nru 552/2004** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru (ir-Regolament ta' Interoperabilità) (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 96, 31.3.2004, p. 26, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament (KE) Nru 1070/2009, ĠU L 300, 14.11.2009, p. 34.

Fl-Iżvizzera, il-Kummissjoni għandha tgawdi s-setgħat mogħtija lilha skont l-Artikoli 4, 7 u 10(3).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jiġu emendati kif ġej:

(a) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

Fil-paragrafu 2, il-kliem "jew l-Iżvizzera" għandhom jiddaħħlu wara l-kliem "il-Komunità".

(b) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

Fil-paragrafu 4, il-kliem "jew l-Iżvizzera" għandhom jiddaħħlu wara l-kliem "il-Komunità".

(c) L-Anness III għandu jiġi emendat kif ġej:

Fit-taqsima 3, it-tieni u l-aħħar inċiżi, għandhom jiddaħħlu l-kliem "jew l-Iżvizzera" wara l-kliem "il-Komunità".

F'konformità mal-Artikolu 139 tar-Regolament (UE) 2018/1139, ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 jitħassar b'effett mill-11 ta' Settembru 2018. Madankollu, l-Artikoli 4, 5, 6, 6a u 7 ta' dak ir-Regolament u l-Annessi III u IV tiegħu għandhom jibqgħu japplikaw sad-data tal-applikazzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 47 tar-Regolament 2018/1139 u sa fejn dawk l-atti jkopru s-suġġett tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 552/2004, u fi kwalunkwe każ mhux iktar tard mit-12 ta' Settembru 2023.

Ir-**Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2150/2005** tat-23 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi regoli komuni għall-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 342, 24.12.2005, p. 20.

Ir-**Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1033/2006** tal-4 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar il-proċeduri għall-pjanijiet tat-titjiriet fil-fażi ta' qabel it-titjira għall-Ajru Uniku Ewropew (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 186, 7.7.2006, p. 46, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012, ĠU L 281, 13.10.2012, p. 1, kif emendat b'dan:

  — ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/886, ĠU L 205, 29.6.2020, p. 14,

  — ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/469, ĠU L 104, 3.4.2020, p. 1, kif emendat b'dan:

    — ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1177, ĠU L 259, 10.8.2020, p. 12,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 428/2013, ĠU L 127, 9.5.2013, p. 23,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2120, ĠU L 329, 3.12.2016, p. 70,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/139, ĠU L 25, 30.1.2018, p. 4.

Ir-**Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1032/2006** tas-6 ta' Lulju 2006 li jistipula rekwiżiti għal sistemi awtomatiċi għall-iskambju ta' tagħrif dwar it-titjiriet bejn ċentri tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru għall-iskopijiet ta' notifikazzjoni, koordinazzjoni u trasferiment ta' titjiriet (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 186, 7.7.2006, p. 27, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 30/2009, ĠU L 13, 17.1.2009, p. 20.

Ir-**Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007** tas-27 ta' Frar 2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR), ĠU L 64, 2.3.2007, p. 1, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1361/2008, ĠU L 352, 31.12.2008, p. 12,

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 721/2014, ĠU L 192, 1.7.2014, p. 1.

Ir-**Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 633/2007** tas-7 ta' Ġunju 2007 li jistipula rekwiżiti għall-applikazzjoni ta' protokoll ta' trasferiment ta' messaġġ tat-titjira użat għan-notifika, il-koordinazzjoni u t-trasferiment ta' titjiriet bejn ċentri ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 146, 8.6.2007, p. 7, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 283/2011, ĠU L 77, 23.3.2011, p. 23.

Ir-**Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373** tal-1 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni għall-forniturі ta' servizzi fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u funzjonijiet oħrajn tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-sorveljanza tagħhom, li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 482/2008, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1034/2011, (UE) Nru 1035/2011 u (UE) 2016/1377 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 677/2011 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 62, 8.3.2017, p. 1, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/469, ĠU L 104, 3.4.2020, p. 1, kif emendat b'dan:

  — ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1177, ĠU L 259, 10.8.2020, p. 12.

Ir-**Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 29/2009** tas-16 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi rekwiżiti dwar servizzi ta' kollegament tad-data għall-Ajru Uniku Ewropew (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 13, 17.1.2009, p. 3, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/310, ĠU L 56, 27.2.2015, p. 30,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1170, ĠU L 183, 9.7.2019, p. 6,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/208, ĠU L 43, 17.2.2020, p. 72.

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, it-test tar-Regolament għandu jinqara bl-adattament li ġej:

"UIR tal-Iżvizzera" tiżdied fil-parti A tal-Anness I.

Ir-**Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 262/2009** tat-30 ta' Marzu 2009 li jistabbilixxi l-ħtiġijiet għall-allokazzjoni koordinata u għall-użu ta' kodiċijiet tal-interrogatur Mode S għall-Ajru Uniku Ewropew (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 84, 31.3.2009, p. 20, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2345, ĠU L 348, 21.12.2016, p. 11.

Ir-**Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 73/2010** tas-26 ta' Jannar 2010 li jistipula r-rekwiżiti dwar il-kwalità tad-data ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika għall-Ajru Uniku Ewropew (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 23, 27.1.2010, p. 6, kif emendat:

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1029/2014, ĠU L 284, 30.9.2014, p. 9.

Ir-Regolament (UE) Nru 73/2010 huwa mħassar b'effett mis-27.01.2022.

Ir-**Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 255/2010** tal-25 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 80, 26.3.2010, p. 10, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012, ĠU L 281, 13.10.2012, p. 1, kif emendat b'dan:

  — ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/886, ĠU L 205, 29.6.2020, p. 14,

  — ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/469, ĠU L 104, 3.4.2020, p. 1, kif emendat b'dan:

    — ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1177, ĠU L 259, 10.8.2020, p. 12,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1006, ĠU L 165, 23.6.2016, p. 8,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2159, ĠU L 304, 21.11.2017, p. 45.

Id-**Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru C(2010)5134** tad-29 ta' Lulju 2010 dwar il-ħatra ta' Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (mhux ippubblikata fil-ĠU).

Ir-**Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 176/2011** tal-24 ta' Frar 2011 dwar l-informazzjoni li trid tiġi pprovduta qabel l-istabbiliment u l-modifikazzjoni ta' blokk ta' spazju tal-ajru funzjonali, ĠU L 51, 25.2.2011, p. 2.

Id-**Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru C(2011) 4130** tas-7 ta' Lulju 2011 dwar in-nomina ta' Maniġer tan-Netwerk għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) tal-funzjonijiet tan-netwerks fl-ajru uniku Ewropew (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (mhux disponibbli bil-Malti u mhux ippubblikata fil-ĠU).

Ir-**Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1206/2011** tat-22 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi rekwiżiti dwar l-identifikazzjoni ta' inġenji tal-ajru għas-sorveljanza fl-Ajru Uniku Ewropew (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 305, 23.11.2011, p. 23, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/587, ĠU L 138, 30.4.2020, p. 1.

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, it-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1206/2011 għandu jinqara bl-adattament li ġej:

"UIR tal-Iżvizzera" tiżdied fl-Anness I.

Ir-**Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1207/2011** tat-22 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi rekwiżiti għall-prestazzjoni u l-interoperabilità tas-sorveljanza għall-Ajru Uniku Ewropew (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 305, 23.11.2011, p. 35, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1028/2014, ĠU L 284, 30.9.2014, p. 7,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/386, ĠU L 59, 7.3.2017, p. 34,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/587, ĠU L 138, 30.4.2020, p. 1.

Ir-**Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012** tas-26 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi regoli komuni tal-ajru u dispożizzjonijiet operattivi dwar is-servizzi u l-proċeduri fin-navigazzjoni bl-ajru u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1035/2011 u r-Regolamenti (KE) Nru 1265/2007, (KE) Nru 1794/2006, (KE) Nru 730/2006, (KE) Nru 1033/2006 u (UE) Nru 255/2010 (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 281, 13.10.2012, p. 1, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/340, ĠU L 63, 6.3.2015, p. 1,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1185, ĠU L 196, 21.7.2016, p. 3,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/469, ĠU L 104, 3.4.2020, p. 1, kif emendat b'dan:

  — ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1177, ĠU L 259, 10.8.2020, p. 12,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/886, ĠU L 205, 29.6.2020, p. 14.

Ir-**Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1079/2012** tas-16 ta' Novembru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti ta' spazjar bejn il-kanali ta' komunikazzjoni vokali għall-Ajru Uniku Ewropew (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 320, 17.11.2012, p. 14, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 657/2013, ĠU L 190, 11.7.2013, p. 37,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2345, ĠU L 348, 21.12.2016, p. 11,

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2160, ĠU L 304, 21.11.2017, p. 47.

Ir-**Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 409/2013** tat-3 ta' Mejju 2013 dwar id-definizzjoni ta' proġetti komuni, it-twaqqif ta' governanza u l-identifikazzjoni ta' inċentivi li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-Pjan Regolatorju Ewropew għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 123, 4.5.2013, p. 1, kif emendat b'dan:

— ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/116, ĠU L 36, 2.2.2021, p. 10.

Ir-**Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/116** tal-1 ta' Frar 2021 dwar l-istabbiliment tal-Proġett Komuni Wieħed li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Pjan Regolatorju Ewropew għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru previst fir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 409/2013 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 716/2014 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 36, 2.2.2021, p. 10.

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, l-Anness għar-Regolament għandu jinqara bl-adattamenti li ġejjin:

(a) il-punt li ġej jiżdied wara l-punt 1.2.1.r): "s) Zürich Kloten"

(b) il-punt li ġej jiżdied wara l-punt 2.2.1.r): "s) Zürich Kloten"

(c) il-punt li ġej jiżdied wara l-punt 2.2.2.r): "s) Zürich Kloten"

(d) il-punti li ġejjin jiżdiedu wara l-punt 2.2.3.bb): "cc) Geneva; dd) Zürich Kloten".

Ir-**Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1048** tat-18 ta' Lulju 2018 li jistipula rekwiżiti dwar l-użu tal-ispazju tal-ajru u l-proċeduri operattivi dwar navigazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni, ĠU L 189, 26.7.2018, p. 3.

Ir-**Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/123** tal-24 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 677/2011 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 28, 31.1.2019, p. 1.

Ir-**Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317** tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u ta' imposti fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1.

Id-**Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/709** tas-6 ta' Mejju 2019 dwar il-ħatra tal-maniġer tan-netwerk għall-funzjonijiet tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) tal-ajru uniku Ewropew (notifikata bid-dokument C(2019) 3228), ĠU L 120, 8.5.2019, p. 27.

Id-**Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/90**3 tad-29 ta' Mejju 2019 li tistabbilixxi l-miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu ta' referenza li jibda fl-1 ta' Jannar 2020 u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2024 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 144, 3.6.2019, p. 49.

Id-**Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2167** tas-17 ta' Diċembru 2019 li tapprova l-Pjan Strateġiku tan-Netwerk għall-funzjonijiet tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru tal-ajru uniku Ewropew għall-perjodu 2020-2029, ĠU L 328, 18.12.2019, p. 89.

Id-**Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2168** tas-17 ta' Diċembru 2019 dwar il-ħatra tal-president u tal-membri u s-sostituti tagħhom tal-Bord tat-Tmexxija tan-Netwerk u tal-membri u s-sostituti tagħhom taċ-Ċellula Ewropea ta' Koordinazzjoni tal-Kriżijiet fis-Settur tal-Avjazzjoni għall-funzjonijiet tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għat-tielet perjodu ta' referenza 2020-2024, ĠU L 328, 18.12.2019, p. 90.

Id-**Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2012** tad-29 ta' Novembru 2019 dwar l-eżenzjonijiet skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 29/2009 li jistabbilixxi rekwiżiti dwar servizzi ta' kollegament tad-data għall-Ajru Uniku Ewropew (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 312, 3.12.2019, p. 95.

Ir-**Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627** tat-3 ta' Novembru 2020 dwar miżuri eċċezzjonali għat-tielet perjodu ta' referenza (2020-2024) tal-iskema ta' prestazzjoni u imposti tal-ajru uniku Ewropew minħabba l-pandemija tal-COVID-19 ĠU L 366, 4.11.2020, p. 7.

6. **Ambjent u storbju**

Id-**Direttiva 2002/30/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Marzu 2002 dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet tal-ħoss fl-ajruporti tal-Komunità (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (l-Artikoli 1-12 u 14-18), ĠU L 85, 28.3.2002, p. 40.

(L-emendi għall-Anness I, li jirriżultaw mill-Anness II, il-Kapitolu 8 (Politika tat-Trasport), it-Taqsima G (Trasport bl-Ajru), il-punt 2 tal-Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti tat-Trattati li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea, għandhom japplikaw).

Id-**Direttiva tal-Kunsill 89/629/KEE** tal-4 ta' Diċembru 1989 dwar il-limitazzjoni tal-emissjoni ta' ħsejjes minn ajruplani ċivili jet subsoniċi, ĠU L 363, 13.12.1989, p. 27.

(l-Artikoli 1-8).

Id-**Direttiva 2006/93/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar ir-regolament tal-operazzjoni tal-ajruplani koperta mill-Parti II, il-Kapitolu 3, il-Volum 1 tal-Anness 16 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, it-tieni edizzjoni (1988) (verżjoni kodifikata) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 374, 27.12.2006, p. 1.

7. **Protezzjoni tal-konsumatur**

Id-**Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE** tat-13 ta' Ġunju 1990 dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel), il-vaganzi kollox kompriż u t-tours kollox kompriż, ĠU L 158, 23.6.1990, p. 59 (l-Artikoli 1-10).

Id-**Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE** tal-5 ta' April 1993 dwar klawsoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, ĠU L 95, 21.4.1993, p. 29 (l-Artikoli 1-11), kif emendata b'dan:

— id-Direttiva 2011/83/UE, ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64.

Ir-**Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/97** tad-9 ta' Ottubru 1997 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru fir-rigward tal-ġarr bl-ajru ta' passiġġieri u l-bagalji tagħhom fl-eventwalità ta' inċidenti, ĠU L 285, 17.10.1997, p. 1, (l-Artikoli 1-8), kif emendat b'dan:

— ir-Regolament (KE) Nru 889/2002, ĠU L 140, 30.5.2002, p. 2.

Ir-**Regolament (KE) Nru 261/2004** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 46, 17.2.2004, p. 1.

(l-Artikoli 1-18).

Ir-**Regolament (KE) Nru 1107/2006** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 204, 26.7.2006, p. 1.

8. **Mixxellanji**

Id-**Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE** tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar it-tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u l-elettriku (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51.

(l-Artikolu 14(1)(b) u l-Artikolu 14(2).

9. **Annessi**

A: Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea

B: Dispożizzjonijiet dwar il-kontroll finanzjarju mill-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-parteċipanti Żvizzeri li qed jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-EASA

ANNESS A

PROTOKOLL

DWAR IL-PRIVILEĠĠI U L-IMMUNITAJIET TAL-UNJONI EWROPEA

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

(2) FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li, f'konformità mal-Artikolu 343 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 191 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("KEEA"), l-Unjoni Ewropea u l-KEEA għandhom igawdu fit-territorji tal-Istati Membri tali privileġġi u immunitajiet kif inhu neċessarju għall-qadi tal-kompiti tagħhom,

QABLU dwar id-dispożizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika:

KAPITOLU I

PROPRJETÀ, FONDI, ASSI U OPERAZZJONIJIET TAL-UNJONI EWROPEA

Artikolu 1

L-istabbilimenti u l-binjiet tal-Unjoni għandhom ikunu invjolabbli. Għandhom ikunu eżentati minn tiftix, rekwiżizzjoni, konfiska jew esproprjazzjoni. Il-proprjetà u l-assi tal-Unjoni ma għandhomx ikunu soġġetti għal xi miżura ġuridika jew amministrattiva ta' restrizzjoni mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Artikolu 2

L-arkivji tal-Unjoni għandhom ikunu invjolabbli.

Artikolu 3

L-Unjoni, l-assi, l-introjtu u proprjetà oħra tagħha għandhom ikunu eżentati mit-taxxi diretti kollha.

Il-gvernijiet tal-Istati Membri għandhom, kull fejn possibbli, jieħdu l-miżuri xierqa biex iħallsu jew jagħtu lura l-ammont tat-taxxi indiretti jew tat-taxxi tal-bejgħ inkluż fil-prezz tal-proprjetà mobbli jew immobbli, fejn l-Unjoni tagħmel, għall-użu uffiċjali tagħha, xiri sostanzjali li l-prezz tiegħu jinkludi taxxi ta' dan it-tip. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet ma għandhomx jiġu applikati, sabiex ikollhom effett ta' distorsjoni fuq il-kompetizzjoni fl-Unjoni.

Ma għandha tingħata l-ebda eżenzjoni fir-rigward tat-taxxi u tal-ħlasijiet dovuti li jammontaw sempliċement għal imposti għal servizzi ta' utilità pubblika.

Artikolu 4

L-Unjoni għandha tkun eżentata mid-dazji doganali, mill-projbizzjonijiet u mir-restrizzjonijiet kollha fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet fir-rigward tal-oġġetti maħsuba għall-użu uffiċjali tagħha: l-oġġetti importati b'dan il-mod ma għandhomx jintremew, irrispettivament jekk hux bi ħlas jew le, fit-territorju tal-pajjiż li fih ġew importati, għajr b'kundizzjonijiet approvati mill-gvern ta' dak il-pajjiż.

L-Unjoni għandha tkun eżentata wkoll minn kwalunkwe dazju doganali u kwalunkwe projbizzjoni u restrizzjoni fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet fir-rigward tal-pubblikazzjonijiet tagħha.

KAPITOLU II

KOMUNIKAZZJONIJIET U *LAISSEZ PASSER*

Artikolu 5

Għall-komunikazzjonijiet uffiċjali u għat-trażmissjoni tad-dokumenti kollha tagħhom, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom igawdu fit-territorju ta' kull Stat Membru t-trattament akkordat minn dak l-Istat għall-missjonijiet diplomatiċi.

Il-korrispondenza uffiċjali u komunikazzjonijiet uffiċjali oħra tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma għandhomx ikunu soġġetti għal ċensura.

Artikolu 6

Il-*laissez passer* fil-forma preskritta mill-Kunsill, li jaġixxi permezz ta' maġġoranza sempliċi, li għandu jiġi rikonoxxut bħala dokument validu tal-ivvjaġġar mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, għall-membri u għall-impjegati ta' dawn l-istituzzjonijiet, jistgħu jinħarġu mill-Presidenti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Dawn il-*laissez passer* għandhom jinħarġu għall-uffiċjali u għal impjegati oħra bil-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' impjegati oħra tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni tista' tikkonkludi ftehimiet għal dawn il-*laissez passer* biex jiġu rikonoxxuti bħala dokumenti validi tal-ivvjaġġar fit-territorju ta' pajjiżi terzi.

KAPITOLU III

MEMBRI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Artikolu 7

Ma għandha tiġi imposta l-ebda restrizzjoni amministrattiva jew restrizzjoni oħra fuq il-moviment liberu tal-Membri tal-Parlament Ewropew li jkunu qed jivvjaġġaw lejn il-post tal-laqgħa tal-Parlament Ewropew jew minnu.

Il-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom, fir-rigward tad-dwana u l-kontroll fuq il-kambju, jingħataw:

(a) mill-gvern tagħhom stess, l-istess faċilitajiet bħal dawk li jingħataw lill-uffiċjali anzjani li jivvjaġġaw lejn pajjiżi oħra fuq missjonijiet uffiċjali temporanji;

(b) mill-gvern ta' Stati Membri oħra, l-istess faċilitajiet bħal dawk li jingħataw lir-rappreżentanti ta' gvernijiet barranin fuq missjonijiet uffiċjali temporanji.

Artikolu 8

Il-Membri tal-Parlament Ewropew ma għandhomx ikunu soġġetti għal kwalunkwe forma ta' inkjesta, detenzjoni jew proċediment legali fir-rigward tal-opinjonijiet espressi jew tal-voti mixħuta minnhom fil-qadi ta' dmirijiethom.

Artikolu 9

Matul is-sessjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-Membri tiegħu għandhom igawdu:

(a) fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lill-membri tal-parlament tagħhom;

(b) fit-territorju ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor, l-immunità minn kwalunkwe miżura ta' detenzjoni u minn proċedimenti legali.

L-immunità bl-istess mod għandha tapplika għall-Membri meta jkunu qed jivvjaġġaw lejn il-post tal-laqgħa tal-Parlament Ewropew u minnu.

L-immunità ma tistax tintalab meta Membru jinstab fl-att tat-twettiq ta' reat u ma għandhiex twaqqaf lill-Parlament Ewropew milli jeżerċita d-dritt tiegħu li jirrinunzja l-immunità ta' wieħed mill-Membri tiegħu.

KAPITOLU IV

RAPPREŻENTANTI TAL-ISTATI MEMBRI LI QED JIPPARTEĊIPAW FIL-ĦIDMA TAL-ISTITUZZJONIJIET TAL-UNJONI EWROPEA

Artikolu 10

Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri li qed jipparteċipaw fil-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, u l-konsulenti u l-esperti tekniċi tagħhom għandhom, fit-twettiq ta' dmirijiethom u matul il-vjaġġi tagħhom lejn il-post tal-laqgħa u minnu, igawdu mill-privileġġi, mill-immunitajiet u mill-faċilitajiet abitwali.

Dan l-Artikolu għandu japplika wkoll għall-membri tal-korpi konsultattivi tal-Unjoni.

KAPITOLU V

UFFIĊJALI U IMPJEGATI OĦRA TAL-UNJONI EWROPEA

Artikolu 11

Fit-territorju ta' kull Stat Membru u irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, l-uffiċjali u impjegati oħra tal-Unjoni għandhom:

(a) soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattati marbuta, minn naħa waħda, mar-regoli dwar ir-responsabbiltà tal-uffiċjali u impjegati oħra lejn l-Unjoni u, min-naħa l-oħra, mal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'tilwim bejn l-Unjoni u l-uffiċjali u impjegati oħra tagħha, ikollhom immunità minn proċedimenti legali fir-rigward tal-atti mwettqa minnhom fil-kapaċità uffiċjali tagħhom, inkluż kliemhom mitkellem jew miktub. Għandhom ikomplu jgawdu minn din l-immunità wara li jkunu waqfu mill-kariga tagħhom;

(b) flimkien mal-konjugi tagħhom u l-membri dipendenti tal-familja tagħhom, ma jkunux soġġetti għal restrizzjonijiet ta' immigrazzjoni jew għal formalitajiet għar-reġistrazzjoni tal-persuni barranin;

(c) fir-rigward tar-regolamenti dwar il-munita jew il-kambju, jingħataw l-istess faċilitajiet kif jingħataw b'mod abitwali lil uffiċjali ta' organizzazzjonijiet internazzjonali;

(d) igawdu d-dritt li jimportaw mingħajr dazju l-għamara u l-affarijiet tagħhom l-ewwel darba li jibdew jaħdmu fil-pajjiż ikkonċernat, u d-dritt li jesportaw mill-ġdid mingħajr dazju l-għamara u l-affarijiet tagħhom, malli jtemmu dmirijiethom f'dak il-pajjiż, soġġett fi kwalunkwe każ għall-kundizzjonijiet ikkunsidrati neċessarji mill-gvern tal-pajjiż fejn dan id-dritt huwa eżerċitat;

(e) id-dritt jimportaw mingħajr dazju karozza għall-użu personali tagħhom, akkwistata fil-pajjiż tal-aħħar residenza tagħhom jew fil-pajjiż li tiegħu huma ċittadini skont it-termini ta' amministrazzjoni fis-suq domestiku f'dak il-pajjiż, u li jesportawha mill-ġdid mingħajr dazju, soġġett fi kwalunkwe każ għall-kundizzjonijiet ikkunsidrati neċessarji mill-gvern tal-pajjiż ikkonċernat.

Artikolu 12

L-uffiċjali u impjegati oħra tal-Unjoni għandhom iħallsu taxxa għall-benefiċċju tal-Unjoni fuq is-salarji, il-pagi jew l-emolumenti mħallsa lilhom mill-Unjoni, b'konformità mal-kundizzjonijiet u mal-proċedura stabbilita mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, li jaġixxu permezz tar-regolamenti b'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara konsultazzjoni tal-istituzzjonijiet ikkonċernati.

Għandhom ikunu eżentati mit-taxxi nazzjonali fuq is-salarji, il-pagi u l-emolumenti mħallsa mill-Unjoni.

Artikolu 13

Fl-applikazzjoni tat-taxxa fuq l-introjtu, tat-taxxa fuq il-ġid u tad-dazji tal-mewt u fl-applikazzjoni tal-konvenzjonijiet dwar l-evitar tat-tassazzjoni doppja konklużi bejn l-Istati Membri tal-Unjoni, l-uffiċjali u impjegati oħra tal-Unjoni li, sempliċement minħabba l-qadi ta' dmirijiethom fis-servizz tal-Unjoni, jistabbilixxu r-residenza tagħhom fit-territorju ta' Stat Membru ieħor li mhux il-pajjiż ta' domiċilju tagħhom għal finijiet ta' taxxa fil-mument li jibdew jaħdmu mal-Unjoni, għandhom jiġu kkunsidrati, kemm fil-pajjiż tar-residenza proprja tagħhom u fil-pajjiż ta' domiċilju għal finijiet ta' taxxa, li żammew id-domiċilju tagħhom fil-pajjiż tal-aħħar diment li huwa membru tal-Unjoni. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika wkoll għall-konjugi, sal-estent fejn dan tal-aħħar ma jkunx/tkunx separatament impjegat(a) f'impjieg bi ħlas, u għat-tfal dipendenti fuq il-persuni msemmija f'dan l-Artikolu u fil-kura tagħhom.

Il-proprjetà mobbli li tappartjeni għall-persuni msemmija fil-paragrafu preċedenti u li tinsab fit-territorju tal-pajjiż fejn qed jgħixu għandha tkun eżentata mid-dazji tal-mewt f'dak il-pajjiż; tali proprjetà għandha, għall-valutazzjoni ta' tali dazju, tiġi kkunsidrata bħala li tinsab fil-pajjiż ta' domiċilju għall-finijiet ta' taxxa, soġġett għad-drittijiet tal-pajjiżi terzi u għall-applikazzjoni possibbli tad-dispożizzjonijiet tal-konvenzjonijiet internazzjonali dwar it-tassazzjoni doppja.

Kwalunkwe domiċilju miksub biss minħabba l-qadi ta' dmirijiet fis-servizz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra ma għandux jitqies fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 14

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, filwaqt li jaġixxu permezz tar-regolamenti b'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara konsultazzjoni mal-istituzzjonijiet ikkonċernati, għandhom jistabbilixxu l-iskema tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali għall-uffiċjali u għal impjegati oħra tal-Unjoni.

Artikolu 15

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, filwaqt li jaġixxu permezz tar-regolamenti b'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara konsultazzjoni mal-istituzzjonijiet l-oħra kkonċernati, għandhom jiddeterminaw il-kategoriji tal-uffiċjali u ta' impjegati oħra tal-Unjoni li għalihom għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 12, u l-Artikolu 13, kompletament jew parti minnhom.

L-ismijiet, il-gradi u l-indirizzi tal-uffiċjali u ta' impjegati oħra inklużi f'tali kategoriji għandhom jiġu kkomunikati perjodikament lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

KAPITOLU VI

PRIVILEĠĠI U IMMUNITAJIET TAL-MISSJONIJIET TA' PAJJIŻI TERZI AKKREDITATI LILL-UNJONI EWROPEA

Artikolu 16

L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-Unjoni għandha s-sede tagħha għandu jagħti l-immunitajiet u l-privileġġi diplomatiċi abitwali lill-missjonijiet ta' pajjiżi terzi akkreditati lill-Unjoni.

KAPITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 17

Il-privileġġi, l-immunitajiet u l-faċilitajiet għandhom jingħataw lill-uffiċjali u lil impjegati oħra tal-Unjoni biss fl-interessi tal-Unjoni.

Kull istituzzjoni tal-Unjoni għandha tkun meħtieġa tirrinunzja l-immunità mogħtija lil uffiċjal jew lil impjegat ieħor kull fejn dik l-istituzzjoni tikkunsidra li dik ir-rinunzja ta' tali immunità ma tmurx kontra l-interessi tal-Unjoni.

Artikolu 18

L-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom, għall-fini tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, jikkooperaw mal-awtoritajiet responsabbli tal-Istati Membri kkonċernati.

Artikolu 19

L-Artikoli 11 sa 14 u l-Artikolu 17 għandhom japplikaw għall-Membri tal-Kummissjoni.

Artikolu 20

L-Artikoli 11 sa 14 u l-Artikolu 17 għandhom japplikaw għall-Imħallfin, għall-Avukati Ġenerali, għar-Reġistraturi u għall-Assistenti Relaturi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea marbut mal-immunità minn proċedimenti legali tal-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali.

Artikolu 21

Dan il-Protokoll għandu japplika wkoll għall-Bank Ewropew tal-Investiment, għall-membri tal-organi tiegħu, għall-persunal u r-rappreżentanti tal-Istati Membri li jieħdu sehem fl-attivitajiet tiegħu, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Bank.

Barra minn hekk, il-Bank Ewropew tal-Investiment għandu jkun eżentat minn kwalunkwe forma ta' tassazzjoni jew ta' impożizzjoni ta' natura simili fl-okkażjoni ta' kwalunkwe żieda fil-kapital tiegħu u mid-diversi formalitajiet li jistgħu jkunu konnessi miegħu fl-Istat fejn il-Bank għandu s-sede tiegħu. B'mod simili, ix-xoljiment jew il-likwidazzjoni tiegħu ma għandhomx jagħtu lok għal xi impożizzjoni. Finalment, l-attivitajiet tal-Bank u tal-organi tiegħu mwettqa b'konformità mal-Istatut tiegħu ma għandhomx ikunu soġġetti għal xi taxxa fuq il-fatturat.

Artikolu 22

Dan il-Protokoll għandu japplika wkoll għall-Bank Ċentrali Ewropew, għall-membri tal-organi u tal-persunal tiegħu, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Barra minn hekk, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkun eżentat minn kwalunkwe forma ta' tassazzjoni jew ta' impożizzjoni ta' natura simili fl-okkażjoni ta' kwalunkwe żieda fil-kapital tiegħu u mid-diversi formalitajiet li jistgħu jkunu konnessi miegħu fl-Istat fejn il-Bank għandu s-sede tiegħu. L-attivitajiet tal-Bank u tal-organi tiegħu mwettqa f'konformità mal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew ma għandhomx ikunu soġġetti għal xi taxxa fuq il-fatturat.

Appendiċi tal-ANNESS A

PROĊEDURI GĦALL-APPLIKAZZJONI FL-IŻVIZZERA TAL-PROTOKOLL DWAR IL-PRIVILEĠĠI U L-IMMUNITAJIET TAL-UNJONI EWROPEA

1. Estensjoni tal-applikazzjoni għall-Iżvizzera

   Kull fejn il-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll") fih referenzi għall-Istati Membri, ir-referenzi jridu jinftiehmu li japplikaw b'mod ugwali għall-Iżvizzera, sakemm id-dispożizzjonijiet li ġejjin ma jiddeterminawx mod ieħor.

2. Eżenzjoni tal-Aġenzija mit-tassazzjoni indiretta (inkluż il-VAT)

   L-oġġetti u s-servizzi esportati mill-Iżvizzera ma jridux ikunu soġġetti għat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) tal-Iżvizzera. Fil-każ ta' oġġetti u ta' servizzi fornuti lill-Aġenzija fl-Iżvizzera għall-użu uffiċjali tagħha, b'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Protokoll, l-eżenzjoni mill-VAT hija permezz ta' rifużjoni. Eżenzjoni mill-VAT għandha tingħata jekk il-prezz proprju tax-xiri tal-oġġetti u tas-servizzi msemmija fil-fattura jew f'dokument ekwivalenti jkollu total ta' minn tal-inqas 100 frank Żvizzeru (inkluż it-taxxa).

   Ir-rifużjoni tal-VAT trid tingħata mal-preżentazzjoni tal-formoli Żvizzeri pprovduti għal dan l-iskop lid-Diviżjoni Prinċipali tal-VAT tal-Amministrazzjoni Federali tat-Taxxa. Bħala regola, l-applikazzjonijiet għar-rifużjoni jridu jiġu pproċessati fi żmien tliet xhur wara d-data li fiha ġew reġistrati flimkien mad-dokumenti ta' sostenn neċessarji.

3. Proċeduri għall-applikazzjoni tar-regoli marbuta mal-persunal tal-Aġenzija

   Fir-rigward tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 12 tal-Protokoll, l-Iżvizzera għandha teżenta, skont il-prinċipji tad-dritt nazzjonali tagħha, l-uffiċjali u impjegati oħra tal-Aġenzija skont it-tifsira tal-Artikolu 2 tar-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 549/69 ([1]) minn taxxi federali, kantonali u komunali fuq salarji, pagi u emolumenti mħallsa lilhom mill-Unjoni Ewropea u soġġett għal taxxa interna għall-benefiċċju tagħha.

   L-Iżvizzera ma għandhiex tiġi kkunsidrata bħala Stat Membru skont it-tifsira tal-punt 1 ta' hawn fuq għall-applikazzjoni tal-Artikolu 13 tal-Protokoll.

   L-uffiċjali u impjegati oħra tal-Aġenzija u l-membri tal-familji tagħhom li huma membri tas-sistema ta' assigurazzjoni soċjali applikabbli għall-uffiċjali u impjegati oħra tal-Unjoni Ewropea mhumiex obbligati jkunu membri tas-sistema tas-sigurtà soċjali Żvizzera.

   Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha ġurisdizzjoni esklużiva fi kwalunkwe kwistjoni li tikkonċerna r-relazzjonijiet bejn l-Aġenzija jew il-Kummissjoni u l-persunal tagħha fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ([2]) u d-dispożizzjonijiet l-oħra tad-dritt tal-Unjoni Ewropea li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

([1]) Ir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 549/69 tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 1969 li jistabbilixxi l-kategoriji ta' uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej lil liema d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 13 u l-Artikolu 14 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet japplikaw (ĠU L 74, 27.3.1969, p. 1). Ir-Regolament kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1749/2002 (ĠU L 264, 2.10.2002, p. 13).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68, tad-29 ta' Frar 1968, li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej u li jistabbilixxi miżuri partikolari li huma temporanjament applikabbli għall-uffiċjali tal-Kummissjoni (Kundizzjonijiet ta' l-Impjieg ta' impjegati oħra) (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1). Ir-Regolament kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2104/2005 (ĠU L 337, 22.12.2005, p. 7).

ANNESS B

KONTROLL FINANZJARJU FIR-RIGWARD TAL-PARTEĊIPANTI ŻVIZZERI FL-ATTIVITAJIET TAL-FTEHIM EWROPEW DWAR L-AVJAZZJONI

Artikolu 1

Komunikazzjoni diretta

L-Aġenzija u l-Kummissjoni għandhom jikkomunikaw direttament mal-persuni jew mal-entitajiet kollha stabbiliti fl-Iżvizzera u li jkunu qed jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Aġenzija, bħala kuntratturi, parteċipanti fil-programmi tal-Aġenzija, riċevituri ta' pagamenti mill-baġit tal-Aġenzija jew tal-Komunità, jew sottokuntratturi. Tali persuni jistgħu jibagħtu direttament lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni rilevanti kollha li huma meħtieġa jissottomettu abbażi tal-istrumenti msemmija f'din id-deċiżjoni u tal-kuntratti jew tal-ftehimiet konklużi u kwalunkwe deċiżjoni meħuda skonthom.

Artikolu 2

Verifiki

1. B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]) u r-Regolament Finanzjarju adottat mill-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija fis-26 ta' Marzu 2003, mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-23 ta' Diċembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([2]) u mal-istrumenti l-oħra msemmija f'din id-Deċiżjoni, il-kuntratti jew il-ftehimiet konklużi u d-deċiżjonijiet meħuda mal-benefiċjarji stabbiliti fl-Iżvizzera jistgħu jipprevedu li awditi xjentifiċi, finanzjarji, teknoloġiċi jew awditi oħra jitwettqu fi kwalunkwe mument fl-istabbiliment tal-benefiċjarji u tas-sottokuntratturi tagħhom mill-uffiċjali tal-Aġenzija u tal-Kummissjoni jew minn persuni oħra b'mandat mill-Aġenzija u mill-Kummissjoni.

2. L-uffiċjali tal-Aġenzija u tal-Kummissjoni u persuni oħra b'mandat mill-Aġenzija u mill-Kummissjoni għandu jkollhom aċċess xieraq għas-siti, għax-xogħlijiet u għad-dokumenti u għall-informazzjoni kollha meħtieġa biex iwettqu tali awditi, inkluż fil-forma elettronika. Dan id-dritt ta' aċċess għandu jkun iddikjarat b'mod espliċitu fil-kuntratti jew fil-ftehimiet konklużi għall-implimentazzjoni tal-istrumenti msemmija f'din id-Deċiżjoni.

3. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri għandu jkollha l-istess drittijiet bħall-Kummissjoni.

4. L-awditi jistgħu jsiru sa ħames snin wara l-iskadenza ta' din id-Deċiżjoni jew skont it-termini tal-kuntratti jew tal-ftehimiet konklużi u d-deċiżjonijiet meħuda.

5. L-Uffiċċju Federali Żvizzeru tal-Awditi jrid jiġi informat minn qabel dwar l-awditi li jsiru fit-territorju Żvizzeru. Din l-informazzjoni mhux se tkun kundizzjoni legali għat-twettiq ta' tali awditi.

Artikolu 3

Verifiki fuq il-post

1. Skont dan il-Ftehim, il-Kummissjoni (l-OLAF) hija awtorizzata twettaq verifiki u spezzjonijiet fuq il-post fit-territorju Żvizzeru, skont it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra ([3]).

2. Il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post għandhom jitħejjew u jitwettqu mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Uffiċċju Federali Żvizzeru tal-Awditi u ma' awtoritajiet Żvizzeri kompetenti oħra maħtura mill-Uffiċċju Federali Żvizzeru tal-Awditi, li għandhom jiġu nnotifikati minn qabel biżżejjed dwar l-oġġett, l-iskop u l-bażi ġuridika tal-verifiki u tal-ispezzjonijiet, sabiex ikunu jistgħu jipprovdu l-għajnuna kollha meħtieġa. Għal dak l-għan, l-uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti Żvizzeri jistgħu jipparteċipaw fil-verifiki u fl-ispezzjonijiet fuq il-post.

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.
([3]) ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

3. Jekk l-awtoritajiet kompetenti Żvizzeri jkunu jixtiequ li jsir hekk, il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post jistgħu jitwettqu b'mod konġunt mill-Kummissjoni u mill-awtoritajiet kompetenti Żvizzeri.

4. Fejn il-parteċipanti fil-programm jirreżistu verifika jew spezzjoni fuq il-post, l-awtoritajiet Żvizzeri, filwaqt li jaġixxu b'konformità mar-regoli nazzjonali, għandhom jagħtu tali assistenza lill-ispetturi tal-Kummissjoni kif ikunu jeħtieġu biex ikunu jistgħu jwettqu dmirhom fit-twettiq ta' verifika jew ta' spezzjoni fuq il-post.

5. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta malajr kemm jista' jkun lill-Uffiċċju Federali Żvizzeru tal-Awditi kwalunkwe fatt jew suspett marbut ma' irregolarità li tkun innutat matul il-verifika jew l-ispezzjoni fuq il-post. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni hija meħtieġa tinforma lill-awtorità msemmija hawn fuq dwar ir-riżultat ta' tali verifiki u spezzjonijiet.

Artikolu 4

Informazzjoni u konsultazzjoni

1. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni korretta ta' dan l-Anness, l-awtoritajiet kompetenti Żvizzeri u tal-Komunità għandhom jiskambjaw l-informazzjoni regolarment u, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, għandhom iwettqu konsultazzjonijiet.

2. L-awtoritajiet kompetenti Żvizzeri għandhom jinformaw lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar kwalunkwe fatt jew suspett li nnutaw marbut ma' irregolarità marbuta mal-konklużjoni u mal-implimentazzjoni tal-kuntratti jew tal-ftehimiet konklużi fl-applikazzjoni tal-istrumenti msemmija f'din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

Kunfidenzjalità

L-informazzjoni kkomunikata jew miksuba fi kwalunkwe forma skont dan l-Anness se tkun koperta mill-kunfidenzjalità professjonali u tkun protetta bl-istess mod bħal ma hija protetta informazzjoni simili mil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Iżvizzera u mid-dispożizzjonijiet korrispondenti applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-Komunità. Tali informazzjoni ma għandhiex tiġi kkomunikata lil persuni għajr dawk fl-istituzzjonijiet tal-Komunità, fl-Istati Membri, jew fl-Iżvizzera li l-funzjoni tagħhom tirrikjedi li jkunu jafuha, u lanqas ma tista' tintuża għal finijiet oħra għajr biex tiżgura l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Partijiet Kontraenti.

Artikolu 6

Miżuri u penali amministrattivi

Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-liġi kriminali Żvizzera, jistgħu jiġu imposti miżuri u penali amministrattivi mill-Aġenzija jew mill-Kummissjoni b'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 u mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 u mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea ([4]).

Artikolu 7

Irkupru u infurzar

Id-deċiżjonijiet meħuda mill-Aġenzija jew mill-Kummissjoni fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni li jimponu obbligu pekunarju fuq persuni għajr Stati għandhom ikunu infurzabbli fl-Iżvizzera.

L-ordni ta' infurzar trid tinħareġ, mingħajr xi kontroll ieħor għajr verifika tal-awtentiċità tal-att, mill-awtorità maħtura mill-gvern Żvizzeru, li trid tinforma lill-Aġenzija jew lill-Kummissjoni dwarha. L-infurzar jrid iseħħ f'konformità mar-regoli Żvizzeri ta' proċedura. Il-legalità tad-deċiżjoni ta' infurzar hija soġġetta għal kontroll mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Is-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea skont klawsola tal-arbitraġġ huma infurzabbli bl-istess termini.

([4]) ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.